Louiselle Vassallo | 1 ta' Marzu, 2021

---

F'dak li kien forsi l-ewwel referendum iddokumentat fl-istorja tal-Kristjaneżmu, in-nies għażlu lil Barabba fuq Kristu.

*Fastforward* elfejn sena, u ma nbidel xejn, ħlief li l-Barabbijiet li ħakmu lil dan il-pajjiż, illum liebsin suit, idellku l-*gel* ma' xagħarhom, u għandhom *account* tal-*Facebook* u t-*Twitter*.

Il-maġġoranza, ta' erbgħin elf, kif iħobbu jirrepetu l-armata organizzata ta' trolls fuq il-mezzi soċjali, dejjem tħossha komda billi tinħeba wara s-saħħa tan-numri, u fil-proċess toħnoq il-vuċi ta' min hu f'minoranza.

Daqs li kieku l-individwu sparixxa milli jkun fiċ-ċentru tal-politika soċjali.

Huwa għalhekk li l-vuċi tas-soċjeta ċivili trid tkun qawwija.
Kieku dejjem tgħaddi tal-maġġoranza, kieku
Konrad Mizzi għadu deputat mexxej tal-Partit Laburista,
Keith Schembri għadu *chief of staff*,
Joseph Muscat għadu prim ministru,
Robert Abela għadu konsulent ta' Muscat,
u Melvin Theuma, probabbli, għadu mpjegat mal-gvern biex ma jagħmel assolutament xejn.

U x'inhi il-politika? Jew aħjar, min huma l-politiċi?

Huma dawk l-individwi li jiġu maħtura mill-poplu sabiex iħarsu il-ġid komuni, itejbu l-ħajja tan-nies, u jamministraw flus il-poplu - jiġifieri it-taxxi tiegħek.
Biex kulħadd jimxi l-quddiem;
Biex kulħadd jgħix hajja dinjituża flimkien mal-maħbubin tagħhom.

Il-politiċi żgur mhumiex dawk li jaħbu ġidhom f'kontijiet sigrieti.
Il-politiċi żgur mhumiex dawk li jaċċettaw rigali lussużi u *cash*, mingħand il-magħruf sid tal-kumpanija *17Black*, mbad ma jiddikjarawhomx.
U l-politiċi definittivament mhumiex dawk li jiftħu *chats* fuq il-*whatsapp* ma nies li huma implikati fi skandli ta' korruzzjoni, fl-assassinju ta' ġurnalista li kienet qed tikxef dawk l-istess skandli, proprju l-għada tal-ewwel arresti marbuta mal-kas.

Imma s-saħħa li tagħtik il-maġġoranza, tippermetti li l-politiċi jirrepetu l-istess gidba, jum wara jum, gimgħa wara gimgħa, sena wara l-oħra.
Sakemm din issir verita f'moħħ dawk li jisimgħu biss il-gidba.

Jien xbajt sal-ponta ta'mnieħri nisma' li l-istituzzjonijiet qed jaħdmu, meta qed nara b'għajnejja eżattament l-oppost.

**Kieku l-istituzzjonijiet kienu qed jaħdmu**, kieku Konrad Mizzi m'għadux membru parlamentari f'dan il-bini, jirrappreżenta lili u lilek.

Kull progett li miss miegħu Konrad Mizzi huwa dubjuż.
Il-kontijiet sigrieti li fetaħ kienu ntenzjonati li jirċievu flus minn proġetti pubbliċi, u mhux "to populate them with his assets", kif qalilna b'għajneħ ileqqu, waqt li Joseph Muscat u Louis Grech tawħ l-approvazzjoni tagħhom.
Ħafer 40 miljun ewro f'taxxi lil *Electrogas*, u b'hekk tefagħhom fuq il-poplu Malti, jigifieri fuqna.
Kellu jirriżenja minn deputat kap, tkeċċa minn ministru, darbtejn, u saħansitra tkeċċa mill-partit tiegħu stess … imma bla mistħija, għadu jippoża tal-Onorevoli.

**Kieku l-istitizzjonijiet kienu qed jahdmu**, kieku l-ex-assistent kummissarju tal-pulizija, Ian Abdilla, kien jagħmel xogħolu kif suppost, minflok intefa jongħos fuq l-iskrivanija. U talli ħa nagħsa ta' tlett snin, issa nsiru nafu li se jinagħta Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti - EFFIĊJENTI.

Dan huwa l-istess persuna li, taħt ġurament, stqarr li ma bagħat għal ħadd meta faqqgħat l-istorja tal-*Panama Papers*. L-istess uffiċjal li qala ċanfira mingħand l-eks Prim Imħallef, li qallu li kieku l-investigazzjoni saret minnufiħ, kieku huwa possibbli li llum m'aħniex nistaqsu l-istat setgħax evita l-assassinju ta' gurnalista.

F'ġieħ is-sewwa, Prim Ministru, imma mhux ovvja li din il-mossa hija daqqa ta' ħarta f'wiċċ dawk il-membri tal-Korp li għamlu snin ta' servizz siewi, u li verament ħaqqhom dan l-unur?

**Kieku l-istitizzjonijiet kienu qed jaħdmu**, l-ex-Segretarju Parlamentari Cutajar ma kienitx tħossha komda taċċetta sitta u ergħbin elf u ħames mitt Ewro, u disa' t'elef ohra, *cash*, bl-intenzjoni li ma tiddikjarhomx.
U ma kienitx tagħmel negozju ma dak li diġa konna nafu li kien is-sid tal-kumpanija *17Black*.

Għal ġieħna, offriet ir-riżenja b'rispett lejt il-Partit. Insiet li meta ħadet il-ġurament, wehedet li isservi lill-poplu Malti u Għawdxi kollu.
U l-iskuza li qatgħat kull kuntatt ma' Fenech wara li ġie arrestat hija, frankament, ridikola - mhux ovvja, jekk dan kien il-ħabs?

Kieku kellha TIKKA rispett lejn l-elettorat, kienet tirriżenja hekk kif sar pubbliku dan l-iskandlu, u li sirna nafu biħ grazzi għax-xogħol tal-ġurnalisti,

Anzi - kieku verament kella rispett lejn il-poplu, la kienet taċċetta l-flus, u l-anqas issib ruħa f'din is-sitwazzjoni.

Imma għaġeb tal-għeġubijiet, f'pajjiżna, meta l-politiċi jinqabdu, flok jiskuzaw ruhom tad-disrispett li jkunu wrew lill-elettorat, jagħmluha tabilħaqq li ahna l-imġienen, u li jmissna nuru aktar gratitudni lejhom.

**Kieku l-istituzzjonijiet kienu qed jaħdmu**,
dawk li mmanufatturaw il-bomba li qatlet lil Daphne Caruana Galizia m'għamlux kważi tlett snin u nofs oħra jiġru mas-saqajn. U l-arrest tagħhom ma kienx ikun jiddependi fuq l-ammissjoni ta' wieħed mill-akkużati.

**Kieku l-istituzzjonijiet kienu qed jaħdmu**, min jindaħal f'investigazzjoni bhal din, u jużа l-posizzjoni tiegħu biex jostakola li ssir ġustizzja, jieħu dak li ħaqqu. Ma ninsewx li l-inkjesta dwar jekk il-mewt ta' Daphne Caruana Galizia setgħetx ġiet evitata bdiet aktar minn sentejn wara li sar id-delitt.

**Kieku l-istitizzjonijiet jaħdmu**, kieku l-ġurnalisiti u l-attivisti ma jiġux ivillifikati daqs li kieku ma tgħallimna xejn mill-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Imnalla għandna ġurnalisti determinati li, minkejja r'riskji personali, jibqu jiġru wara stejjer importanti, biex iwasslulna l-verita`.

Id-deputati kollegi tiegħek, Prim Ministru, ma jmisshom qatt ħassewhom komdi jagħtu vot ta' fiduċja lil min hu korrot,  kif ma jmisshom qatt instigaw attakki mill-aktar krudili fuq iben ġurnalista maqtula.

Prim Ministru, jiddispjaċini ngħidlek li, le, m'aħniex ngħixu f'ġenna tal-art, u nibdew nemmnuk meta ssostni li l-istituzzjonijiet qed jaħdmu

- meta kull min kellu sehem dirett, jew indirett, fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia jigi mressaq;
- meta kull min qed jaħsel il-flus f'wiċċ il-poplu jigi nvestigat kif suppost;
- meta dawk li serqu, jew qed jisirqu, minn fondi pubbliċi jigu kkastigati ta' għemilhom;
- u meta dawk li fethu l-bibien beraħ għall-qarnita ta' kriminalita` li ħakmet lill-pajjiżna, jieħdu dak li ħaqqhom.

Ladarba nibdew naraw din il-bidla, u l-politiċi jibdew juruna farka rispett, forsi dakinhar nibdew infiequ bħala pajjiz u bħala nazzjon.

Mbad forsi nkunu nistgħu nibdew nitkellmu dwar l-unita` tant mixtieqa.

- - END - -